MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 144/2009

**G and A Autoparts Limited (C 5420)**

**vs**

**Godfrey Mifsud (ID 196464M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** l-**AVVIZ** fejn **intalab** il-hlas ta’ LM583.23 minghand il-konvenut bhala prezz ta’ merkanzija/spareparts mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta’ April 2000 kif ukoll tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 166A nru 9454/06 u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

**Ra** r-**Risposta** tal-Intimat fejn eccipixxa hekk:-

(1) Il-preskrizzjoni ai termini tal-art 2156(f) Kap 16.

(2) Cahda tat-talba kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.
(3) B'riserva ta' risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra s-Socjeta' attrici

**DECIZJONI IN PARTE**

**Ra** d-decizjoni ta' dana t-Tribunal diversament presedut, datata 15 ta' Jannar 2009 fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali giet michuda – bl-ispejjes relatati ma dik id-decizjoni riservati ghall-gudizzju finali.

**PROVI FIL-MERTU**

**Ra** li s-smiegh tal-provi nfetah billi l-konvenut **Godfrey Mifsud** xehed li hu ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici. Qal li mindu rcieva l-karti dwar il-kont in kwistjoni qatt ma hallas xejn.

Xehed imbaghad **Victor Difesa**, *accountant* tas-socjeta' attrici u minnha msejjah li pprezenta d-Dok VD1 u VD2 rispettivament a fol 17 u fol 19 u kkonferma dak li fihom. In-negozju bejn il-kontendenti kien ilu ghaddej mill-1999 u d-dokumenti esibiti jindikaw diversi konsenji ta' *spare parts*. Il-konvenut kien ihallas akkont lis-*salesman* tas-socjeta' attrici bl-ahhar hlas rekordjat hu dak tat-2 ta' Diembru 2002 (ricevuta Dok VD3). Lill-konvenut kienu jibghatulu *statements* u mbaghad irrikorrew ghand l-avukat.

In kontro-ezami, qal li jidher li l-ahhar pagament sar biex jaqta *invoice* partikulari. Ri-ezaminat, ix-xhud qal li l-hlas ma jirceviehx hu. Dok VD 3 hareg mis-*salesman* u hu minnu firmat.

**Sinclair Scerri**, is-*salesman*, ikkonferma li hu kien jaghmel il-konsenji lill-attur u jigbor il-pagamenti. Kien dejjem b'pagamenti (*wholesale*) b'lura. Kien ikun hemm numru ta' *invoices* u l-hlas kien isir akkont. Kien hemm okkazjoni fejn gibidlu l-attenzjoni li l-kont kien tela. Allura kien sar hlas imma akkont u mhux ta' kollox. Il-konvenut

kien qallu li kellu xi xoghol li ried jikkonsenjahulu lura. Is-superjuri tieghu (i.e. tas-socjeta’ attrici) accettaw izda meta hu mar ghand il-konvenut dan tellghu f’kamra u kull ma sab kien muzell ta’ *parts* mifruxa fl-art. Il-konvenut stess qallu li ried **jirrangahom** (enfasi tat-Tribunal).

Spiccaw biex ma hadu xejn lura u ma sar ebda hlas. Anqas meta mar ghall-flus wara. Kontro-ezaminat, qal li ma jeskludix li gieli sar xi hlas ghal *invoice* partikulari u kkonferma dan fil-kas ta’ Dok VD3.

Hawn xehed ulterjorment il-konvenut **Godfrey Mifsud** li qal li xoghlu hu ta’ *mechanic* u kien jixtri l-parts minghand is-socjeta attrici. Jikkontendi li m’ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici. Kien tkellem ma dawn u qalilhom li certi parts ma setax juzahom u tkellmu biex jehduhom lura u “nikkonferma illi l-parts li nistax nuza jiena ghadni ma hallasthomx”

Dawn kienu tajbin u s-*salesman* mhux minnu li qallu li l-parts ma setax johodhom lura ghax ma kienux prezentabbli. In-negozjati waqfu ghax is-*salesman* kien imur ta’ spiss u mbaghad waqaf.

Is-sistema kienet li jhallas b’ricevuta b’lura imma mbaghad “bdew jaghtuni hafna xoghol u jghiduli poggieh hemm imbaghad nirrangaw imma tharbtet is-sistema”

Finalment qal: Mistoqsi nistax nipproduci r-ricevuti tal-kontijiet illi kont inhallas qabel jiena nghid illi **nahseb li ricevuti kienu jaghtuni** (enfasi tat-Tribunal).

**Sinclair Scerri**, imsejjah mill-gdid, ikkonferma li l-ordnijiet indikati fid-Dok VD1 a fol 17 u 18 kienu saru mill-konvenut lilu. Meta ma kienx ihallsu dak il-hin, kien ihallilu l-*invoice*. Il-flus jingabru wara.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jirrizulta

(a) Is-socjeta’ attrici kienet tikkonsenja *spare parts* lill-konvenut fuq ordni ta’ dan; kien jithalla *invoice* u l-hlas kien isir wara.
(b) Il-konvenut qatt ma gie li ma kellu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici
(c) Il-konvenut ma jichadx li rcieva l-oggetti msemmija
(d) Hemm qbil li l-konvenut ried jirritorna lura xi oggetti u s-socjeta’ attrici accettat dan izda meta s-*salesman* mar jara, iddahhal f’kamra u kulma sab kien munzel fl-art. Il-konvenut ghal dan kulma wiegeb hu li merkanzija ma kienetx dizordinata.
(e) Il-konvenut jammetta li meta hallas ircieva ricevuta izda **fir-rigward qatt ma pproduca xejn waqt il-kawza**. Fil-fatt ir-ricevuta ta’ pagament specifika ghal konsenja specifika datata 02.12.02 (fol 21) giet esibita mis-socjeta’ attrici.

**<u>KONKLUZZJONIJIET</u>**

Hu pruvat li s-socjeta’ attrici qed titlob *quantum* korrett u dan baqa ma giex imhallas mill-konvenut.

Apparti n-nuqqas ta’ produzzjoni ta’ ricevuti, il-konvenut ma jistax jintrincja ruhu wara l-iskuza li s-socjeta’ attrici ma gabritx lura merkanzija li hu ma riedx u li s-socjeta’ riedet tiehu lura. Dan ghax, fl-ewwel lok, is-socjeta attrici ma setghetx tiehu lura parts qeghdin f’gozz, bla ebda ordni ta’ xejn. Di piu’, il-konvenut, minkejja l-passagg taz-zmien u l-interpellazjoni b’ittra legali u ittra ufficjali qatt ma ha l-pass li jiddepozita l-oggetti taht l-awtorita tal-Qorti.

**<u>DECIZJONI</u>**

**<u>It-Tribunal</u>**
In vista ta’ dan kollu jiddeciedi billi:

1) Jilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-*quantum* mitlub ta’ LM583.23 issa elf, tlett mija, tmienja u hamsin Ewro sitta u hamsin centezmi (€1,358.56c)

2) Jiddekorri l-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali jigifieri mit-30 ta' Novembru 2006 sal-jum tal-pagament effettiv.
3) Bl-ispejjes kollha ta' dina l-kawza jithallsu mill-konvenut inkluzi dawk tad-decizjoni in parte tal-15 ta' Jannar 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------